MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 569/2002/1

**Avv. Robert u Rita konjugi Vella Baldacchino**

**vs**

**Lorraine Xuereb**

It-Tribunal

Wara li ra t-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut fejn talab sabiex il-konvenuta tigi ddikjarata prevja dikjarazzjoni li hija unikament responsabbli, minhabba imprudenza, imperizja, negligenza, u/jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti taghha, ghad-danni kagunati lill-atturi fl-incident stradali li sehh f'Birkirkara, fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, fl-24 ta' Mejju 2001 ghall-habta tas-6.45p.m., meta l-attrici Rita Vella Baldacchino kienet issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBB 046, waqt li l-konvenuta kienet issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAL 907, jikkundanna lill-istess konvenuta ghall-hlas ta' l-istess danni kagunati fl-ammont ta' Lm195.08,0 (mija u hamsa u disghin lira Maltin u tmien centezmi) fl-incident stradali "de quo", kif jigu ppruvati

waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, oltre l-imghaxijiet relattivi bl-oghla rata permessa fil-ligi mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' Awissu 2001 ezebita mal-avviz tat-talba u mmarkata bhala "Dok RVB1", sal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-avviz tat-talba, ta' l-istess ittra ufficjali tat-13 ta' Awissu 2001, ta' l-ittra legali ta' l-20 ta' Gunju 2001 ezebita mal-avviz tat-talba u mmarkata bhala "Dok RVB2" u ta' l-ittra ufficjali prezentata fid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba, kontra l-kumpanija ta' l-assikurazzjoni tal-konvenuta Middlesea Insurance p.l.c. u Globe Insurance Brokers Limited kif jirrikjedi l-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, annesa mal-avviz tat-talba u mmarkata bhala "Dok RVB3" kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:

Illi ghall-incident awtomobilisitku de quo kienet unikament responsabbli l-attrici.

Bl-ispejjes.

Sema' ix-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza in dezamina si tratta ta' kollizzjoni bejn zewg vetturi, li hlief ghaz-zewg sewwieqa, ma hemm l-ebda xhud okulari.

Illi l-vettura DBB-044 misjuqa mill-attrici kienet gejja minn Triq il-Ferrovija biex tidhol fil-kumpless sportiv tal-Kullegg San Alwigi. Vettura AAL-907 misjuqa mill-konvenuta riedet tohrog mill-istess kumpless. Iltaqghu fil-bieb principali u saret il-habta.

Iz-zewg xufiera jallegaw li fil-mument tal-habta t-tnejn kienu wieqfa- jekk hu hekk effettivament x' gara allura? Hija sintomatika ix-xhieda moghtija mill-konvenuta fis-seduta tas-17 ta' Settembru,2002. Kienet hierga minn-naha tal-lemin tad-driver- ma zammitx max-xellug anzi ma

kenitx fuq il-karreggjata tax-xellug. Dana huwa riportat anke fl-iskrizz esibit mill-pulizija investigattiv.

Ghar-ragunijiet taghha u ghar-ragunijiet tal-ambjent tal-istess post, l-konvenuta ghazlet tinzel biex tohrog minn naha hazina tat-triq. L-ghazla taghha gabet riskju maghha hadet riskju bil-konsegwenza odjerna.Ghalhekk ghandha tirrispondi ghalih. Lanqas ma jista’ jinghad li l-attrici ikkontribwiet b’ xi mod ghas-sinistru. Li kieku baqghad iddur f’ manuvra wahda kif sostniet il-konvenuta- l-attrici ma setghet qatt tippretendi li ghandha ssib vettura ma wiccha li qiegheda ‘wrong-way’.

Il-quantum tad-danni ma giex kontestat u hekk qed jigi tenut bhala pruvat.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lil-konvenuta thallas lil atturi s-somma ta’ mija hamsa u disghin Lira Maltin u tmien centezmi (Lm195.08) danni offerti bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba kontra l-istess konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------